

31991L0157

L 78/38

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.3.1991

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tat-18 ta' Marzu 1991****dwar batteriji u akkumulaturi li jkun fihom ċerti sustanzi perikolużi**

(91/157/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

F'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi kull disparità bejn il-liġijiet u l-miżuri amministrattivi adottati mill-Istati Membri dwar ir-rimi tal-batteriji u l-akkumulaturi tista' toħloq ostakoli għall-kummerċ u distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-Komunità u jista' b'hekk ikollha impatt dirett fuq l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern; billi għalhekk jidher meħtieġ li l-liġijiet f'dan il-qasam ikunu approssimati;

Billi l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart ⁽⁴⁾, kif emendata bid-Direttiva 91/156/KEE ⁽⁵⁾, jipprovdi illi għandhom jiġu stipulati permezz ta' Direttivi individwali regoli speċifiċi partikolari jew li jissupplimentaw dawk tad-Direttiva imsemmija sabiex jirregolaw l-immaniġġjar ta' kategoriji partikolari ta' skart;

Billi l-għanijiet u l-prinċipji tal-politika Komunitarja dwar l-ambjent, kif stabbiliti fil-programmi ta' azzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-ambjent fuq il-bażi tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 130r (1) u (2) tat-Trattat tal-KEE, jimmiraw partikolarment li jipprevienu, inaqqsu u kemm jista' jkun jeliminaw it-tniġġis u li jiżguraw maniġġjar sod tar-riżorsi tal-materja prima, fuq il-bażi wkoll tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas";

Billi, sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, it-tqegħid fis-suq ta' ċerti batteriji u akkumulaturi għandu jiġi pprojbit, minħabba l-ammont ta' sustanzi perikolużi li jinsabu fihom;

Billi, sabiex jiġi żgurat li batteriji u akkumulaturi moħlija jiġu rkuprati u mormija b'mod ikkontrollat, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li dawn jiġu mmarkati u miġbura separatament;

Billi l-għbir u r-riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi moħlija jistgħu jgħinu biex jiġi evitat l-użu bla bżonn tal-materja prima;

Billi l-apparat li jkun fih batteriji u akkumulaturi li ma jistgħux jitneħħew jista' jippreżenta riskju għall-ambjent meta jintrema; billi l-Istati Membri għandhom għalhekk jieħdu l-miżuri xierqa;

Billi għandhom jiġu stabbiliti programmi fl-Istati Membri sabiex jinkisbu l-għanijiet varji ddikjarati hawn fuq; billi l-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa b'dawn il-programmi u bil-miżuri speċifiċi meħuda;

Billi r-rikors għal strumenti ekonomiċi bħalma hu t-twaqqif ta' sistema ta' depożitu jista' jinkoraġġixxi il-għbir separat u r-riċiklaġġ tal-batteriji u l-akkumulaturi moħlija;

Billi għandha ssir dispożizzjoni għal tagħrif lill-konsumatur f'dan il-qasam;

Billi għandha ssir dispożizzjoni għal proċeduri xierqa sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, partikolarment is-sistema ta' l-immarrkar, u sabiex jiġi żgurat illi d-Direttiva tkun tista' tiġi adattata għall-progress xjentifiku u tekniku b'mod faċli; billi l-kumitat imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE għandu jiġi ordnat li jgħin lill-Kummissjoni f'dawn il-ħidmiet,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Il-mira ta' din id-Direttiva hija li tapprossima l-liġijiet ta' l-Istati Membri sabiex jiġu rkuprati u mormija taħt kontroll dawk il-batteriji u akkumulaturi moħlija li jkun fihom sustanzi perikolużi b'mod konformi ma' l-Anness I.

L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

⁽¹⁾ ĠU C 6, tas-7.1.1989, p. 3 u

ĠU C 11, tas-17.1.1990, p. 6.

⁽²⁾ ĠU C 158, tas-26.6.1989, p. 209 u

ĠU C 19, tat-28.1.1991.

⁽³⁾ ĠU C 194, tal-31.7.1989, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 47.

⁽⁵⁾ Ara paġna 32 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(a) "batterija jew akkumulatur" tfisser sors ta' enerġija elettriċa ġenerat mill-konverżjoni dirett ta' enerġija kimika u li jkun fiha batterija primarja waħda jew iktar (li mhumix *rechargeable*) jew ċellula sekondarja waħda jew iktar (*rechargeable*), kif imniżżla fil-lista fl-Anness I;

- (b) "batterija jew akkumulatur moħli" tfisser batterija jew akkumulatur li ma jistax jerġa' jintużaw u huma maħsuba għall-irkupru jew għar-rimi;
- (c) "rimi" tfisser kull ħidma, basta iżda li tapplika għall-batteriji u l-akkumulaturi, inkluża fl-Anness II A tad-Direttiva 75/442/KEE;
- (d) "irkupru" tfisser kull ħidma, basta iżda li tapplika għall-batteriji u l-akkumulaturi, inkluża fl-Anness II B tad-Direttiva 75/442/KEE;
- (e) "ġbir" tfisser il-ġabra, il-għażla u/jew it-tqegħid flimkien fi gruppi ta' batteriji u akkumulaturi mohlja;
- (f) "sistema ta' depożitu" tfisser sistema li biha x-xerrej, meta jixtri l-batteriji jew l-akkumulaturi, iħallas lill-bejjiegħ somma ta' flus li tiġi mogħtija lura lilu meta jirritorna l-batteriji jew l-akkumulaturi mohlja.

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu, mill-1 ta' Jannar 1993, it-tqegħid fis-suq ta':

- batteriji tal-manganeżju alkalini għal użu fit-tul f'kondizzjonijiet estremi (eż. temperaturi taħt iż-0 °C jew ogħla minn 50 °C, esposti għal xokkijiet) li jkun fihom iktar minn 0,05 % merkurju fil-piż,
- il-batteriji l-oħra kollha tal-manganeżju alkalini li jkun fihom iktar minn 0,025 % merkurju fil-piż.

Ċelluli-buttna tal-manganeżju alkalini u l-batteriji komposti minn ċelluli-buttna għandhom jiġu eżentati minn din il-proj-bizzjoni.

2. Il-paragrafu 1 għandu jiddaħħal bħala l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ⁽¹⁾ kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 85/610/KEE ⁽²⁾.

L-Artikolu 4

1. Fil-kuntest tal-programmi msemmija fl-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw illi l-batteriji u l-akkumulaturi mohlja jinġabru separatament bil-ħsieb li jiġu rkuprati jew mormija.

2. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-batteriji u l-akkumulaturi u, fejn jixraq, l-apparat li fih ikunu inkorporati jiġu mmarkati bil-mod xieraq.

L-immarkar għandu juri indikazzjonijiet dwar il-punti li ġejjin:

- ġbir separat,
- fejn jixraq, ir-riċiklaġġ,
- il-kontenut ta' metall tqil.

⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201.

⁽²⁾ ĠU L 375, tal-31.12.1985, p. 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tfassal, b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10, l-arranġamenti dettaljati għas-sistema ta' l-immarkar. Dawn l-arranġamenti għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw illi l-batteriji u l-akkumulaturi ma jkunux jistgħu jiġu inkorporati f'apparat għajr jekk, meta jinhlaw, ikunu jistgħu jitneħħew b'mod faċli mill-konsumatur.

Dawn il-miżuri għandhom jidhru fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-kategoriji ta' apparat inklużi fl-Anness II.

L-Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom ifasslu programmi sabiex jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin:

- it-tnaqqis fil-kontenut tal-metall tqil fil-batteriji u l-akkumulaturi,
- il-promozzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi b'kontenut żgħir ta' sustanzi perikolużi u/jew sustanzi li jniġġsu inqas,
- it-tnaqqis gradwali, fl-iskart domestiku, ta' batteriji u akkumulaturi mohlja koperti bl-Anness I,
- il-promozzjoni tar-riċerka mirata li tnaqqas il-kontenut ta' sustanzi perikolużi u li tiffavorixxi l-użu ta' sustanzi sostituti li jniġġsu inqas fil-batteriji u l-akkumulaturi, u r-riċerka f'metodi ta' riċiklaġġ,
- ir-rimi separat tal-batteriji u l-akkumulaturi mohlja koperti bl-Anness I.

L-ewwel programmi għandhom ikopru perjodu taż-żmien ta' erba' snin li jibda mit-18 ta' Marzu 1993. Huma għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni mhux iktar tard mis-17 ta' Settembru 1992.

Il-programmi għandhom jiġu riveduti u aġġornati regolarment, mill-inqas kull erba' snin, partikolarment fid-dawl tal-progress tekniku u tas-sitwazzjoni ekonomika u ambjentali. Il-programmi emendati għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni fil-ħin.

L-Artikolu 7

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-organizzazzjoni effiċjenti tal-ġbir separat u, fejn xieraq, tat-twaqqif ta' sistema ta' depożitu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jdaħħlu miżuri bħall-huma strumenti ekonomiċi sabiex jinkoraġġixxu r-riċiklaġġ. Dawn il-miżuri għandhom jiġu mdaħħla wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, għandhom ikunu bbażati fuq kriterji ekoloġiċi u ekonomiċi validi u għandhom jevitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

2. Meta jinnotifikaw il-programmi li għalihom jirreferi l-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ħadu skond il-paragrafu 1.

L-Artikolu 8

Fil-kuntest tal-programmi msemmija fl-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-konsumaturi jkunu informati tajjeb:

- (a) bil-perikoli ta' rimi mingħajr kontroll tal-batteriji u l-akkumulaturi mohlja;
- (b) bl-immarkar tal-batteriji u l-akkumulaturi u ta' l-apparat li jkun fih batteriji u akkumulaturi inkorporati fih b'mod permanenti;
- (ċ) bil-metodu ta' kif jitneħħew il-batteriji u l-akkumulaturi li jkunu inkorporati b'mod permanenti fl-apparat.

L-Artikolu 9

L-Istati Membri ma jistgħux jimpedixxu, jipprobixxu jew jirres-trinġu it-tqegħid fis-suq tal-batteriji u l-akkumulaturi koperti b'din id-Direttiva u li jikkonfomaw mad-dispożizzjonijiet stipulati fiha.

L-Artikolu 10

Il-Kummissjoni għandha tadatta l-Artikoli 3, 4, u 5 u l-Annessi I u II skond il-progress tekniku b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE.

L-Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jikkonfomaw ma' din id-Direttiva qabel it-18 ta' Settembru 1992. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni minnufih.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li huma ja-dottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bihom.

L-Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Marzu 1991.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BODRY

L-ANNEX I

IL-BATTERIJI U L-AKKUMULATURI KOPERTI BID-DIRETTIVA

1. Il-batteriji u l-akkumulaturi mqiegħda fis-suq mid-data stabbilita fl-Artikolu 11(a) u li jkun fihom:
 - iktar minn 25 mg ta' merkurju għal kull ċellula, għajr batteriji tal-manganeżju alkalini,
 - iktar minn 0,25 % ta' kadmju bil-piż,
 - iktar minn 0,4 % ta' ċomb bil-piż,
2. Il-batteriji tal-manganeżju alkalini li jkun fihom iktar minn 0,025 % tal-merkurju bil-piż mqiegħda fis-suq mid-data stabbilita fl-Artikolu 11(1).

L-ANNEX II

LISTA TAL-KATEGORIJI TA' L-APPARAT ESKLUŻ MILL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TA' L-ARTIKOLU 5

1. Dak l-apparat li l-batteriji tiegħu ikunu stannjati, iwweldjati jew imwahnin mod ieħor b'mod permanenti ma' *terminals* sabiex jiżguraw il-kontinwità tal-provvista ta' l-elettriku u sabiex jippriservaw il-memorja u l-funzjonijiet tad-data fit-teknoloġija ta' l-informatika u fit-tagħmir tal-kummerċ, fejn l-użu tal-batteriji u ta' l-akkumulaturi msemmi fl-Annex I huwa meħtieġ teknikament.
2. Iċ-ċelluli ta' riferenza fit-tagħmir xjentifiku u professjonali, il-batteriji u l-akkumulaturi mqiegħda f'mezzi mediċi mfassla sabiex iżommu l-funzjonijiet vitali u f'*pace-makers*, fejn il-funzjonament mingħajr interruzzjoni huwa vitali u fejn il-batteriji u l-akkumulaturi jistgħu jiġu mneħħija biss minn persunal kwalifikat.
3. Tagħmir li jinġarr, fejn il-bdil tal-batteriji minn persunal mhux kwalifikat jista' jippreżenta riskji għas-salwagward ta' l-utent jew li jista' jaffettwa l-operat ta' l-apparat, u t-tagħmir professjonali maħsub biex jintuża f'ambjenti sensitivi ħafna, per eżempju fil-preżenza ta' sustanzi volatili.

Dak l-apparat li l-batteriji u l-akkumulaturi tiegħu ma jistgħux jinbidlu b'mod faċli mill-utent, b'mod konformi ma' dan l-Annex, għandu jkun akkumpanjat minn struzzjonijiet li jgħarrfu lill-utent li jkun fih batteriji u akkumulaturi li jkunu ta' riskju għall-ambjent u li juri kif jistgħu jitnehew mingħajr periklu.